Martin Gravina

# Il-Knisja tal-Lunzjata – Gudja

Fil-bidu tas-seklu sittax ġewwa l-Gudja kien hemm tliet knejjes żgħar li kienu dedikati lil-Lunzjata.

Fil-post magħruf "Ta' Dorbes" kien hemm knisja qalb ir-raba' viċin l-inħawi magħrufa bħala "Ta' l-Għajn". Meta fl-1659 kienet ġiet ipprofonata l-pittura titulari kienet ġiet trasferita fil-Knisja Parrokkjali.

Il-knisja l-oħra, li fl-1575 kienet diġà qed tiffunzjona kienet dik aktar magħrufa bħala "Tal-Misraħ". Din kienet imħatta meta ġiet biex tinbena l-Knisja Parrokkjali.

Il-knisja tal-Lunzjata li nsibu llum fi Triq Santa Marija hija t-tielet waħda li kienet mibnija f'dan il-post. Din ġiet mibnija fl-1754 fi żmien meta prokuratur tagħha kien is-saċerdot Gudjan, Dun Ġwann Barbara. Għall-bini ta' din il-knisja dan il-qassis għamel tajjeb minn flusu kif ukoll minn ġbir ta' flus minn nies devoti ta' dan ir-raħal. Din il-Knisja kienet ġiet imbierka nhar is-6 t'April 1755, Ħadd wara l-Għid, mill-kappillan tal-Gudja Dun Ġwann Pawl Balzan, bil-permess ta' l-Isqof Alpheran De Bussan.

## Il-knisja minn barra

Fil-faċċata tal-knisja wieħed jista' jinnota pilastri maħduma bl-ordni Doriku, filwaqt fuq il-bieb ewlieni naraw tieqa kbira ornamentali bi stil Barokk. Il-kampnar u l-opramorta saru fl-1912 bid-disinn ta' Carlo Farrugia filwaqt li l-bennej kien Mastru Anġlu Dalli. Waħda mill-qniepen li nsibu fil-kampnar ta' din il-knisja għamilha Salvatore Cauchi fl-1864. L-istatwi tal-ġebel li naraw fuq l-opramorta (Sant Anna, San Ġwakkin) kif ukoll l-arkanġlu Gabriel li naraw fil-kampnar huma xogħol ta' Antonio Zammit miż-Żurrieq.

## Il-Knisja minn ġewwa

Din il-Knisja għandha binja forma ta' salib Grieg, disinjata bl-ordni arkitettoniku Doriku kemm barra kif ukoll ġewwa. L-istruttura hi mtellgħa fuq erba' pilastruni, li minnhom tiela' saqaf troll nofs tond minn fuq il-gwarniċun. F'kull kantuniera ta' kull pilastru telgħin il-lunetti li, fuqhom tistrieħ koppla li għandha anterna bi twieqi tawwalin li jipprovdu d-dawl naturali għal ġol-knisja.

Il-proporzjonijiet arkitettoniċi tagħha huma tajbin ħafna, u għalkemm s'issa għad mhux magħruf min kien l-arkittet ta' din il-knisja, u lanqas l-imgħallem tagħha, mingħajr dubju kienu ta' l-affari tagħhom, u d-dettalji huma magħmulin bir-reqqa kollha li jitolbu l-arti u s-sengħa ta' l-arkitettura.

L-artal ewlieni huwa ta' l-irħam magħmul fl-1873 u kienet ħallset għalih u kienet tieħu ħsieb għall-manutenzjoni tiegħu Anġelika Asphar li kienet waħda mill-benefattriċi li kellha din il-knisja. Fil-prospettiva ta' l-artal maġġur insibu dekorazzjoni b'disinji artistiċi b'żebgħa ta' l-ilma u li kienet tpittret mid-ditta Massa ta' Birkirkara. Din saret għall-bidu tas-seklu għoxrin. It-titular ta' din il-Knisja jirrappreżenta t-tħabbira lill-Madonna mill-arkanġlu Gabriel. Din il-pittura li qiegħda fi gwarniċ skulturat tal-ġebel saret ġewwa Ruma fl-1871 mill-pittur Taljan Giovanni Gagliardi.

Fuq kull naħa ta' din il-knisja nsibu artal. Dak tal-lemin hemm fuqu niċċa bi statwa ta' l-injam tal-Madonna tar-Rużarju maħduma mill-iskultur Antonio Chircop. Fuq dan l-artal naraw ukoll pittura ovali tal-Qalb ta' Ġesù li ġġib id-data 1770. Fuq in-naħa tax-xellug hemm l-artal l-

ieħor li fuqu naraw niċċa bi statwa tal-kartapesta ta' San Ġużepp.

F'din il-knisja nsibu wkoll żewġ pitturi ovali, kopji ta' skola Franċiża tas-seklu XVIII; waħda tirrapreżenta t-twelid ta' Ġesù Bambin, u l-oħra l-mewt ta' San Ġużepp. Insibu ukoll sett ta' inċiżjonijiet tal-Via Sagra maħdumin fl-1780 minn Leopardi u Lorenzo Bordi ta' Firenze.

Il-paviment huwa tal-madum, u fl-art hemm sitt lapidi t'oqbra li oriġinalment kienu fil-Knisja Parrokkjali tal-Gudja. Dawn il-lapidi inġiebu u tqiegħdu f'din il-knisja fis-sena 1951.

Lejn tmiem is-sena 2005 saret l-ewwel fażi tar-restawr ta' din il-Knisja, dik minn barra. Dan sar minn ħaddiema tat-Taqsima tar-Restawr fi ħdan il-Ministeru għar-Riżorsi u l-Infrastruttura. F'dan ix-xogħol, difetti lokalizzati ġew identifikati fuq it-tliet faċċati, u kien propizju li dawn jiġu rranġati biex jiġi evitat li tikber il-ħsara. Ix-xogħol ta' restawr inkluda xi bdil ta' ġebel immermer, tindif tal-faċċati, inkluż il-kampnar u l-istatwi fuq il-faċċata prinċipali kif ukoll xogħol fuq il-bibien u t-twieqi ta' l-injam. Il-Bank of Valletta kien ukoll sponsor fix-xogħlijiet li saru. Issa huwa ppjanat li tibda t-tieni fażi ta' restawr, dak ta' ġewwa.

Kull sena l-festa tal-Lunzjata tkun iċċelebrata f'din il-Knisja nhar it-tieni Tnejn wara l-Għid il-Kbir, fejn hija tkun armata bid-damask, filwaqt li l-altari jkunu mżejna b'dak kollu meħtieġ għal din l-okkażjoni.

**Referenzi**

*Marian devotions in the islands of St. Paul* (1600 – 1800) edited by Vincent Borg

A.A. Vis. Past. XXXVII

Arkivju Parrokkjali: Libro della chiesa figliale sotto titolo dell'Annunziata, Gudia 1862 -1958

PARAPAJS GARAGE

Panel Beater & Welding

Hut 102, Ind. Est., Luqa Mob: 9949 6340

J.C. Ironmongery

Triq Palma, Tarxien

*Water & Electrical Fittings*

*Building Materials and Household Goods*

*for all your requirements*